**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Massimo Caruso**

**Kumpilazzjoni numru 1293/2012**

**Illum 8 ta' Jannar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Massimo Caruso** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 22119 (A) billi huwa akkuzat talli fit-28 ta' Lulju 2010 bejn 10:30hrs u s-13:45hrs minn gewwa r-residenza bin-numru 14A li tinsab Triq Mudest Sapiano, San Gwann, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom gojjellerija u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi l-2,329.40 Euro (LM1000) ghad-dannu ta' Sacha Guillaumier u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-mezz u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 269(g), 279(b) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 8 ta' Awwissu, 2013 (esebita a fol. 56 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-Artikoli 216[1], 263, 267, 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tas-19 ta' Mejju, 2014 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim' Imhallef.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

[1] Il-Qorti qiegħda tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Ġenerali milli jindika Artikolu 261 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok niżżel Artikolu 216 bħala *lapsus calami*.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti speci tal-kaz jehduna ghat-28 ta' Lulju tas-sena 2010 fejn giet irrapurtata serqa illi sehhet minn residenza fi Triq Mudest Sapiano San Gwann bejn l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30 am) u s-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar (1.45 pm). F'din is-serqa gew irrapurtati li nsterqu sitt mitt ewro (€600) cash u diversi affarijiet ta' gojjellerija li kienu jiswew b'aktar minn sbatax-il elf ewo (€17,000). Minn fuq il-post l-esperti forensici elevaw marki tas-swaba' u dan waqt l-inkjesta' magisterjali.

L-ispettur **Fabian Fleri** (*a fol.* 18 et. seq.) li mexxa l-istharrig dwar il-kaz spjega fil-Qorti kif il-kaz ha zvolta biex ikun solvut meta waslitlu informazzjoni li l-imputat kien il-persuna li wettqet is-serqa:

> Fil-31 t' Ottubru tas-sena 2012 kont tlabt permess bil-miktub lil Magistrat Doreen Clarke biex terga' tiftah l-inkjesta u jekk ikun hemm bzonn tinnomina espert tal-fingerprints biex jigu ccekkjati l-fingerprints ta' Massimo Caruso ma' dawn li nstabu fuq ix-xena tar-reat. Sussegwentement fit-12 ta' Novembru 2012 tlabtha wkoll mandat t'arrest ghall-imsemmi Massimo Caruso. Fit-12 ta' Novembru 2012 Massimo Caruso ngab mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin gewwa l – ufficcju tieghi fejn tajnih kopja tal-mandat, infurmajnih bid-drittijiet kollha tieghu u huwa rrifjuta li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu qabel ma tibda l-interrogazzjoni. Fil-fatt kont kellimtu rigward din is-serqa. Qabel ma kellimtu PS 430 Andrew St John u PC 137 Kevin Curmi kienu haduh hdejn ir-residenza minn fejn saret is-serqa u jiena fl-interrogazzjoni tieghi staqsejtu jekk qattx dahal go dik id-dar. Fil-fatt kien qalli li le. Saqsejtu jekk kienx involut f'xi serqa minn go dik id-dar fit-28 ta' Lulju tas-sena 2010 u qalli li le. U tlabtu jekk hux lest li jaghti l-fingerprints tieghu fil-presenza tal-Magistrat Doreen Clarke biex jigu mqabbla ma' dawk li nstabu fuq ix-xena tad-delitt u huwa kkonferma li

jaghti l-fingerprints tieghu. Fil-fatt dakinhar stess kont tellajtu quddiem il-Magistrat Doreen Clarke fl-Awla numru 10 tal-Bini tal-Qorti fejn fil-presenza taghha l-espert imqabbad mill-Qorti, is-Sur Joe Mallia, kien hadlu l-fingerprints. Sussegwentement imbaghad kont irrilaxxajtu sa kemm nistenna r-rizultat tal-espert. Fid-29 ta' Novembru 2012 il-Magistrat Doreen Clarke kienet infurmatni bil-miktub li s-Sur Joe Malli kien espleta l-inkarigu tieghu u fil-fatt irrizulta li l-fingerprints li nstabu fir-residenza kienu qablu ma' dawk ta' Massimo Caruso. Sussegwentement fis-6 ta' Dicembru 2012 jiena ergajt bghatt ghal Massimo Caruso fejn infurmajtu bir-rizultat tal-analizi li ghamel l-espert tal-Qorti u huwa ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda li saritlu.

L-espert tal-impronti digitali **Joseph Mallia** (*a fol.* 61 et. seq.) xehed li kien ha l-fingerprints u l-palm prints tal-imputat; spjega li kien inkarigat biex jaghmel ezami komperattiv bejn dawn l-impronti u mpronti ohra li kienu nstabu mill-pulizija *"u kien irrizultali li wiehed mill-impronti kien jaqbel mas-seba l-kbir tal-id il-leminija tal-istess Massimo Caruso."*

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**Definizzjoni ta' serq**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*

(ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

**Ammissjoni**

L-imputat fis-seduta tas-16 ta' April 2015 *"ammetta li hu hati li seraq kif gie addebitat lilu fl-imputazzjoniet migjuba fil-konfront tieghu, pero' dan is-serq kien kwalifikat biss bil-lok."* (a fol. 90)

Kif gie ritenut minn dawn il-Qrati u b'mod partikolari mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

**"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."** (Sottolinear ta' din il-Qorti)

**Invista tal-ammissjoni tal-imputat ghas-serq aggravat bil-lok, issa l-Qorti se tghaddi biex tara jekk l-imputat ghandux jinstab hati bil-provi li ngabu ta' serq aggravat bil-valur u l-mezz.**

**Il-prova ta'** ***fingerprints***

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jason Lee Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghall-konkluzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qieghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-*whisky* misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet Il-**Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

> *"f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet*

*fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".*

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (vide Archbold 1997 para 14-97 ) gie deciz li:

*"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

Imbaghad, fil-kawza Il-**Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence"" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities". Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat".*

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

*"Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il- konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk*

*spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien mal-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skont l-ewwel imputazzjoni".*

Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Alfred Bugeja**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012. Il-Qorti qalet hekk:

*"F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir tal-id ix-xellugija tal-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin tal-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar- ritratti mehudin u esebiti minn P.C. 516 Alfio Borg (a fol. 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it- tieqa (sliding) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.*

*[...]*

*Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata tal-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".*

L-imputat meta ffacjat mill-ufficjal prosekutur dwar dak li rrizulta mill-impronti elevati ghazel li ma jwegibx. L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni kif marka ta' subajh instab f'lok li skont hu qatt ma kien dahal fih.

**Serq ikkwalifikat bil-valur**

Dwar l-aggravju tal-valur il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 267 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

> *"Is-serq huwa kkwalifikat bil-"valur", meta l-haġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94)".*

Illi fil-kaz taht ezami l-Prosekuzzjoni strahet fuq l-stima dwar il-valur tal-gojjellerija, stima li prezentat il-kwerelanta lill-espert nominat fl-inkjesta' dwar is-serqa fit-28 ta' Lulju 2010 (Dok SG *a fol.* 26 u 27 tal-*Process Verbal* li jinsab *a fol.* 8 tal-Atti tal-kawza).

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-aggravju tal-valur fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentment pruvata.

**Serq ikkwalifikat bil-mezz**

Dwar l-aggravju tal-mezz il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 263 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

> *Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" –*
>
> *(a) meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra, b'imfietah foloz, jew bi skalata;*
> *(b) meta l-halliel jizbogh wiccu, jew jilbes maskra jew ghata ohra tal-wicc, jew jaghmel xi tibdil iehor ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jaghmel is-serq, jiehu t-titolu jew il-libsa ta' ufficjal civili jew militari, jew jippretendi li ghandu ordni mahrug minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex jghinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-halliel.*

Illi fl-atti tal-kawza rrizulta kif min dahal fil-fond biex iwettaq is-serqa ghamel dan "bi skalata":

> *Jidher li min wettaq dan ir-reat, irnexxielu jakkwista access ghal gol-fond derubat, billi qabez l-ewwel fil-gnien ta' residenza sitwata biswit dik derubata, li presentement skont ma nfurmat id-derubata lil Dr. Anthony Cutajar LL.D., ma hija okkupata minn hadd, u minn hemmhekk qabez fil-gnien tar-residenza derubata fejn baqa' sejjer fuq in-naha ta' wara u bil-facilita kollha fetah sliding window tal-aluminium li taghti ghal main bedroom tal-fond derubat minn fejn seraq il-bicca l-kbira tal-oggett* (*a fol.* 16 tal-*Process Verbal* li jinsab *a fol*. 8 tal-Atti tal-kawza).

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-aggravju tal-mezz fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodifacentament pruvata.

**Ricediva**

L-imputat qieghed ikun akkuzat ukoll li sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi.

Skont gurisprudenza kostanti, il-prova tar-recidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija;

> *"billi tigi esibita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva u wara ssir il-prova tal-identita'. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l- ezenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal- identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-akkuzat kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.*
>
> *Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-*

*piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti."* [2]

Ma' din is-silta mis-sentenza li ghaliha saret riferenza l-Qorti qed izzid "li l-prova tar-recidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifsu tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal-identita'. Dan in-numru jkun jista' jitqabbel ma' dak li jkollu l-imputat jew l-akkuzat. Ma jistax ikun hawn zewg persuni li jkollhom l-istess numru tal-identita'".[3]

Il-prosekuzzjoni esebiet zewg sentenzi moghtija fis-17 ta' Marzu 2008 **Il-Pulizija vs Massimo Caruso** (Dok FF9 a fol. 67) fejn gie kkundannat gimghatjen prigunerija u fl-20 ta' Mejju 2010 **Il-Pulizija vs Massimo Caruso** (Dok FF8 a fol. 66) fejn gie kkundannat ghall-prigunerija ghall-perijodu ta' tliet snin sospizi ghal erba' snin.

**Pre-sentencing report**

L-imputat talab li jsir *Pre-Sentencing Report* qabel ikun deciz il-kaz tieghu. Il-Qorti laqghet din it-talba. Fir-rapport ipprezentat mill-ufficjal tal-probation Marilyn Attard (*a fol.* 107 et. seq.) fost il-fatturi ddentifikati kien hemm li:

- *Meta Massimo jitkellem dwar ir-reat huwa jimminimizzah u lanqas juri rimors lejn il-vittma. Pjuttost huwa jesprimi rabja ghall-vittma ghaliex skontu r-reat gie amplifikat. Massimo jiggustifika l-impiba tieghu ghaliex huwa kellu problema ta' dipendenza fuq id-droga.*
- *Min-naha tal-vittma, tindika li t-trawma tas-serqa ghadha taffettwa l-familja taghha tant li ma tridx li l-akkuzat ikun jaf dettalji dwar fejn qieghda tghix. Jidher li minbarra l-valur monitarju tal-oggetti li nsterqu l-vittma kellha wkoll*

[2] **Pulizija versus Carmelo Fenech** – Qorti tal-Appell Kriminali 8 ta' Frar 2005 Volum' LXXXIX Part IV paġna 287 et.
[3] Appell Kriminali Il-**Pulizija Vs Joseph Darmanin** deċiż mill-Imħallef Lawrence Quintano fid-9 ta' Lulju, 2012

*xi oggetti ta' valur sentimentali. Billi l-vittma ma kellhiex assigurazzjoni hija ma hadet l-ebda forma ta' kumpens.*

- *Mill-informazzjoni migbura jirrizulta li l-ikbar problema ta' Massimo hija dik ta' dipendenza fuq id-droga. Jirrizulta li Massimo ghamel zmien twil jabbuza mid-droga u sabiex isostni dan il-vizzju kkommetta diversi serqiet. Tant ikkommetta reati ta' serq illi ghandu Fedina Penali estensiva fejn il-maggoranza tal-kazijiet huma relatati ma' serq.*

- *Jidher li kien hemm diversi tentattivi sabiex Massimo jindirizza l-vizzju tad-droga. Dan sar permezz ta' sessjonijiet fi hdan l-agenzija Sedqa u Caritas u kif ukoll billi beda programm residenzjali ghal kontra l-vizzju tad-droga. Barra minn hekk, huwa attenda ghal snin twal gewwa c-centru tas-S.M.O.P.U.. Minkejja dawn it-tentattivi kollha jirrizulta li wara perjodu ta' astinenza Massimo dejjem jerga' jaqa' lura ghall-abbuz mid-droga.*

- *Illum il-gurnata Massimo jishaq li ilu madwar 4 snin izomm lura mid-droga. Skontu dan huwa l-itwal perjodu li fih zamm lura mid-droga. Jidher li qieghed jiehu prekawzjonijiet sabiex izomm lura mit-tentazzjoni. Dan l-aktar ghaliex qed izomm lura milli jaghmel hbieb negattivi u qieghed izomm ruhu okkupat permezz tax-xoghol u xi delizzji ohra.*

- *Massimo huwa mizzewweg u ghandu zewgt itfal. Huwa ghandu sapport mill-familja tieghu izda dan jiddependi fuq il-fatt li jibqa' jzomm lura mid-droga. Iz-zwieg tieghu gie affettwat mill-problema tad-droga tieghu ghaliex huwa kien assenti mill-hajja ta' wliedu u kif ukoll minn ma' martu kemm minhabba l-istil ta' hajja kaotika li kellu u kif ukoll minhabba l-piena ta' prigunerija. Massimo juri preokupazzjoni dwar in-nuqqasijiet tieghu fil-konfront tal-familja tieghu.*

- *Dwar ix-xoghol Massimo jishaq li huwa jinqala' ghal diversi xoghlijiet u fil-fatt huwa kien anke involut f'xoghol fil-komunità matul il-perjodu ta' inkarcerazzjoni. Madankollu, ir-rekord ufficjali ta' impjieg jaghti indikazzjoni*

*illi Massimo huwa instabbli fix-xoghol li jaghmel ghaliex jirrizulta li hadem ghal perjodu qasir ferm.*

Ir-rapport jipproponi pjan ta' kura ghall-imputat:

*Mill-informazzjoni migbura jirrizulta car li huwa ferm importanti li Massimo jindirizza l-problema ta' dipendenza mid-droga. La darba Massimo jkun qieghed izomm lura mill-uzu tad-droga r-riskju li jikkommetti reati ohra fil-futur jonqos. B'hekk huwa ferm importanti li jigi accertat li huwa verament qieghed izomm lura mid-droga. Ghaldaqstant waqt li jinsab inkarcerat il-problema qieghda tinzamm taht kontroll izda wiehed irid joqghod attent la darba johrog mill-habs. Barra minn hekk, wiehed irid jikkonsidra wkoll il-fatt li Massimo ilu madwar 6 snin il-habs b'hekk ilu maqtugh mis-socjetà ghal perjodu twil. Ghaldaqstant f'dan ir-rigward qieghed jinhass li perjodu ta' supervizjoni jista' jghin lill-imputat fit-tranzizzjoni tieghu mill-habs ghall-komunità, waqt li jkun jista' jigi segwit ukoll minn xi agenzija dwar il-vizzju ta' droga.*

L-ufficjal tal-Probation tirrakkomanda lill-Qorti biex ikun hemm Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat.

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura qieghed jigi rakkomandat illi Massimo Caruso jinghata Ordni ta' Probation ghall-perjodu massimu ta' tliet snin. B'hekk ikun jista' jibqa' jigi segwit anke wara li jkun hareg mill-habs, fejn tinghata attenzjoni partikolari sabiex ikun zgurat li Massimo Caruso qieghed izomm 'il boghod mid-droga.*

L-ufficjal prosekutur oggezzjona ghal din ir-rakkomandazzjoni u sostna li ghandu jkun hemm piena karcerarja effettiva.

**Konsiderazzjonijiet dwar piena**

Il-piena ghar-reat ta' serq fejn il-valur tal-haga jeccedi l-€2,329.37, bhal fil-kaz odjern, hi dik li tinsab fil-paragrafu (b) tal-artikolu 279 u cioè l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin. Li ma kienx ghall-proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 280 il-piena ghar-reat ta' serq kwalifikat bil-valur, vjolenza u mezz, jew bit-tnejn, kienet tkun inqas mill-piena ghar-reat ta' serq meta kwalifikat bil-valur li jeccedi l-€2,329.37. Ghalhekk jiskatta l-proviso tas-subartikolu (2) imsemmi bil-konsegwenza li ghall-kaz hi applikabbli l-piena msemmija fil-paragrafu (b) tal-artikolu 279 mizjuda bi grad. Il-piena fil-paragrafu (b) hi dik ta' prigunerija ghal zmien minn 13-il xahar sa 7 snin, kif inghad.

Ghal fini tal-piena l-Qorti qieset il-progress illi l-imputat jghid li ghamel fil-mori ta' din il-kawza. Dan il-progress mhu xejn hlief ghal beneficcju tal-imputat izda l-Qorti ma tridx tara biss l-interessi tieghu imma trid tara wkoll l-interessi tas-socjeta`.

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-kaz u ma tihux gost tmur kontra r-rakkomandazzjoni tal-ufficjal tal-Probation. Mir-rapport prezentat jidher li l-imputat qieghed jiskonta sentenzi u dan tal-anqas sad-29 ta' Dicembru 2019 *(a fol.* 111). Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma thossx li bi Probation qieghda titwettaq gustizzja.

Il-Qorti tirrimarka li l-imputat kien jaf x'qieghed jaghmel meta wettaq is-serqa. Anke meta iffacjat bir-rizultati, grazzi ghax-xjenza forensika, ghazel li ma jaghti l-ebda spjegazzjoni kif marka ta' subajgh instabet fuq il-post fejn saret is-serqa. Mhux biss ma rritorna xejn minn dak li seraq izda lanqas biss wera rimors ghal dak li wettaq u t-trawma li ghadda minnha lid-derubata li tant kienet kbira, li kellha tibdel ir-residenza taghha wara dak li ghaddieha minnu.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2015 fil-kaz Ir-**Repubblika ta' Malta v. Noel Frendo** fejn intqal li:

> *"Il-fatt illi persuna tkun inhakmet mill-vizzju tad-droga, pero`, ma jfissirx illi meta jikkommetti reati minhabba dak il-vizzju sabiex isostni l-istess vizzju jista' jiġi skużat ghal ghemilu. Aktar ma jkun gravi r-reat, aktar il-hati jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma jistax jahrab milli jiġi punit skont il-liġi. Il-pieni m'ghandhomx biss skop riformattiv iżda ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent ġenerali."*[4]

Ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni illi tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija li tirrifletti s-serjeta` tar-reat illi huma wettaq, il-fatt li huwa ricediv, bilancjata mas-sens tal-gustizzja illi ghandu jhoss il-vittma u l-istess progress li jidher illi mmanifesta l-imputat.

**Il-Qorti tirrakomanda lill-ufficjal ezekuttiv tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex il-hati jibqa' jinghata l-ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tad-droga ghal kollox u dan anke kif propost mill-Uffical tal-probation u anke jibqa' jithalla johrog jaghmel xoghol fil-komunita' biex jaghti lura lis-socjeta' li darab b'ghemilu.**

## Decide:

Illi ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 261, 263, 267, 269(g), 279(b), 280(2), 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja effettiva ta' erba' (4) snin.

---

[4] Att ta' Akkuża Nru. 29/2009 - S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri Onor. Imħallef David Scicluna Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon

Illi ai termini tal-artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti u esperti nominati[5], u cioe elf, mija u erba euros u wiehed u disghin centezmu. €1104.91 u dan fi zmien tliet xhur millum u jekk l-imputat jonqos li jhallas l-ammont kollu, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.

____________________________

**Ft./Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

**Vera Kopja**

**Margaret De Battista**

**Deputat Registratur**

[5] Avv. Anthony Cutajar (inkjesta – fol 8) 355.63, PS198 Debattista (inkjesta – fol 8) 163.32, Joseph Mallia (inkjesta – fol 8) 585.96